**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Lulju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 149/2018 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B C**

**vs**

**D E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom minkejja li qatt ma kienu miżżewġin u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri G F nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), ċertifikat tat-twelid tal-minuri Hss u mSat Dok A;*

2. *Illi minn qabel ma twieldet il-minuri G kien hemm sinjali li l-konvenit huwa bniedem vjolenti madanakollu wara t-twelid tal-minuri, l-konvenut aġixxa fil-konfront tar-rikorrenti bi vjolenza tant li r-rikorrenti kemm-il darba rrikorriet għal prtezzjoni tal-Pulizija;*

3. *Illi fl-istess żmien wara t-twelid tal-minuri li l-konvenut kien qiegħed iġib ruħu b'mod vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti, r-rikorrenti bdiet tissusspetta li l-konvenut kien maħkum mill-vizzju tad-droga;*

4. *Illi meta l-minuri kellha biss sitt xhur, r-rikorrenti kkonfermat is-suspetti taghha meta r-rikorrenti rat lill-konvenut juża l-foil waqt li kien qiegħed maqful fil-kamra tal-banju tal-fond ta' fejn kienu qegħdin jirrisjedu flimkien;*

5. *Illi r-rikorrenti staqet tgħin lill-konvenut joħroġ mil-vizzju tad-droga u kienet għal din r-raġuni li kienet baqgħet f'relazzjoni miegħu, kif ukoll għar-raġuni li hu kien dejjem jgħidilha li ser jinbidel;*

6. *Illi inolre għall-vizzju tad-droga, l-konvenut kien ukoll jikkonsma ammont eċċessiv ta' alkaħol tat illi r-rikorrenti kienet ta' sikwit issib il-flixken tax-xorb vojta f'postijiet differenti fil-fond fejn kienu jirrisjedu flimkien (bħal per eżempju taħt il-mejda fil-gallarija u fil-gwardarobba) kif ukoll fil-karozza li kienu jsuqu l-partijiet. Il-konvenut kemm-il darba kien ikun xurban bħal per eżempju fil-magħmudija tal-minuri;*

7. *Illi l-konvenut kien jinsisti mar-rikorrenti li kienet hi li riedet tipprovdi l-flus għall-bżonnijiet tal-minuri anke meta l-istess rikorrenti kienet tqila u wara b'tarbija tat-twelid. Ir-rikorrenti kien ikollha bilfors taħbi l-flus li kien ikollha għaliex inkella l-konvenut kien jisraqhomlha;*

8. *Illi f'Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-konvenut kien vjolenti mar-rikorrenti tant illi girfilha wiċċha. Wara dan l-inċident, ir-rikorrenti kienet*

*pproċediet kontra l-konvenut bi proċeduri kriminali u eventwalment inħarġet ordni ta' protezzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali), kopja tal-akkużi u tas-sentenza qiegħda tiġi hawn Hssa u mSata Dok B;*

9. *Illi ftit qabel dan l-inċident, ir-rikorrenti għarfet illi hija kellha r-responsabbilita' illi tipproteġi lil bintha mill-konvenut u għaldaqstant hija temmet ir-relazzjoni darba għal dejjem u telqet mill-fond fejn kienu qegħdin jirrisjedu flimkien;*

10. *Illi bħala miżura ta' sigurta' r-rikorrenti kienet taqbel li l-konvenut jara lill-bintu l-minuri f'post pubbliku u ħafna drabi kienu jiltaqgħu f'xi bandli;*

11. *Illi wara li f'Settembru tas-sena 2016, il-konvenut kien vjolenti mar-rikorrenti f'post pubbliku u kien anke ser isuq bil-minuri u bir-rikorrenti ffranfata mal-vettura tagħha, ir-rikorrenti waqfet kull kuntatt mal-konvenut u bdiet tevita komunikazzjoni miegħu. Ir-rikorrenti rrikonoxxiet illi l-konvenut għandu natura vjolenti u llum il-ġurnata ma jaħsibix darbtejn qabel jaġixxi b'dan il-mod magħha, speċjalment ladarba jaf illi wara l-inċidenti kollha ta' vjolenza li kien hemm bejn il-partijiet, xorta dejjem ġie liberat mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq nuqqas ta' provi għaliex ħafna drabi l-partijiet biss kienu jkunu preżenti;*

12. *Illi madanakollu nhar id-29 ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-konvenut intavola rikors sabiex ikollu aċċess għal bintu l-minuri u din l-Onorabbli Qorti ordnat permezz ta' digriet tagħha tat-22 t'April 2017 illi l-konvenut jara lill-bintu taħt superviżjoni ta' l-Aġenzija Appoġġ liema aċċess għadu jinżamm sal-ilum kull nhar ta' Tejn bejn il-5pm u s-7pm. Kopja legali tad-digriet qiegħda tiġi Hssa u mSata Dok C;*

13. *Illi din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digiret tagħha tal-14 ta' Marzu 2017 ordnat illi l-konvenut iħallas manteniment ta' mitejn u ħamisn euro (Eur 250) fix-xahar għall-bżonnijiet tal-minuri liema manteniment mhux jitħallas mill-konvenut sakemm ma jitressaqx quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali) akkużat bil-kontravenzjoni ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment. Dainhar tas-seduta, meta fl-aħħar jifaċċa b'mandat ta' arrest, iħallas parti sostanzjali tal-imsemmi manteniment.*

*Kopja legali tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi Hssa u mSata Dok D;*

*Illi r-raġuni ta' din it-talba hija illi l-konvenuta mhux jaġixxi ta' missier tajjeb tal-familja u jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu ta' missier u għalkemm ir-rikorrenti ttentat tipprevalixxi ruħha mill-proċeduri ta' medjazzjoni, dawn ma waslu mkien u għalhekk ma kellhiex għażla oħra għajr li tintavola l-proċeduri odjerni sabiex titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirregola l-aspetti relattivi għall-minuri G F.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna illi l-awtorita' tal-ġenitur fr-rigward tal-minuri G F li twieldet nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) tiġi vestita unikament fil-persuna ta' omm l-minuri u ċjoe' r-rikorrenti;*

2. *Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri G F esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi kwlasiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri, għandha tittieħed mir-rikorrenti waħedha mingħajr il-bżonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-konvenut, u dana fl-aħjar interess tal-imsemmija minuri;*

3. *Tordna illi r-residenza tal-minuri tkun esklussivament mal-omm ir-rikorrenti;*

4. *Tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata għall-ħtiġijiet tal-imsemmija minuri G F u dan fis-somma li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika għall-passaport relattiv tal-minuri mingħajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew il-firma tal-konvenut;*

6. *Tordna illi kwalunkwe aċċess eżerċitat mill-konvenut għall-minuri G jibqa' taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hum inn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentatnhar it-2 ta' Lulju 2018,[2] iżda ma ppreżentax risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi. Għalhekk fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2018, il-konvenut ġie ddikjarat li jinsab fi stat ta' kontumaċja;[3]

Rat iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta'G F, li jġib in-numru progressiv 2384 tas-sena 2015;[4]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa u l-kontro-eżami, liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;[5]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti akkordat lill-attriċi sitt (6) ġimgħat żmien biex tressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, liema fakolta' ingħatat ukoll lill-konvenut kontumaċi u dan ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitou 12 tal-Liġijiet ta' Malta;[6]

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet tal-attriċi;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[8]

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

---

[2] Fol. 32.
[3] Fol. 72.
[4] Fol. 8.
[5] Fol. 23a, fejn ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2021.
[6] Fol. 288.
[7] Fol. 289.
[8] Fol. 288.

Il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri G F, imwielda nhar l-1 ta' Mejju 2015, kif ukoll sabiex tordna li s-setgħa tal-ġenitur tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi b'dana li kull deċiżjoni tkun mehuda mill-attriċi waħedha, filwaqt li l-konvenut jingħata d-dritt li jkollu aċċess superviżjonat ma-minuri u kif ukoll l-obbligu li jħallas retta alimentari għal minuri li tinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Min-naħa l-oħra, minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat huwa għażel li ma jweġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi, u għalhekk jinsab fi stat ta' kontumaċja. Għaldaqstant il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenut.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:*

L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit,[9] u spjegat illi hija kellha relazzjoni mal-konvent, minn liema relazzjoni kellhom lil G F. Jingħad illi meta l-attriċi bdiet relazzjoni mal-konvenut, hija kienet konsapevoli li fil-passat kellu problema tad-droga iżda kienet taf li jien segwa programm ta' riabilitazzjoni mal-*Caritas* u meta bdew ir-relazzjoni tagħhom il-konvenut kien *clean*. Il-konvenut kellu xewqa kbira li jkollu tarbija, iżda min-naħa l-oħra l-attriċi xtaqet illi tistenna ftit iktar – madanakollu l-konvenut injora kompletament dak li xtaqet l-attrċi. Meta l-attriċi saret taf li kienet tqila bil-minuri, hija laqgħat tali aħbar b'responsabbilita' u b'imħabba. Konsegwentament twieldet il-minuri G F nhar l-1 ta' Mejju 2015.

Matul it-tqala, jingħad li l-konvenut mar jgħix fir-residenza li kienet tikri l-attriċi ġewwa l-Qawra u dan għaliex il-konvenut ġie żgumbrat mir-residenza tiegħu ġewwa San Ġiljan stante li ma kienx qiegħed ileħħaq mal-kera tal-fond. Barra minn hekk u a kuntrarju tal-attriċi, il-konvenut ma impenjax ruħu sabiex jaħdem b'mod stabbli u konsistenti sabiex jaċċerta li t-tarbija ma jkun jonqosha xejn. Lanqas ma kien jieħu interess jew isegwi l-iżvilupp tat-tarbija waqt it-tqala, għaliex skontu ma kienx hemm il-bżonn li jkun preżenti, u b'hekk l-attriċi tikkontendi illi *"huwa mill-bidu ma kienx jagħti widna lil pariri minn għand*

[9] Fol. 74.

*ħaddieħor dwar il-kura u t-trobbija tat-trabi".*[10] Magħdud ma' dan, l-attriċi tagħti ukoll rendikont ta' episodju wieħed li seħħ waqt it-tqala fejn il-konvenut kien vjolenti magħha.

Mat-twelid tal-minuri, jiġi spjegat illi l-konvenut ma weriex sapport konsistenti bħala missier. Għalkemm feraħ bit-tarbija, huwa qatta' biss ftit ħin mal-attriċi l-isptar wara l-ħlas. Tant illi lanqas dakinhar meta l-attriċi u t-tarbija ġew *discharged* mill-isptar ma mar jiġbrhom mill-isptar mal-ewwel iżda ħallihom sa filgħaxija jistennew, u appena waslu d-dar, huwa dlonk reġa' ħareġ ma' sieħbu u rritorna lura d-dar sigħat wara taħt l-effett tal-alcohol. Meta l-attriċi saqsietu għal flus sabiex tixtri l-bżonnijiet tal-minuri, huwa kien pront qalilha biex ma ssaqsihx dwar flus għaliex għandha tagħha.

L-attriċi tikkontendi illi kemm waqt it-tqala kif ukoll wara t-twelid tal-minuri, il-konvenut kien jixrob alcohol bil-moħbi u jiċħad li kien qiegħed jixrob. Madanakollu, l-attriċi tgħid li kienet issib flixken tal-*whiskey* moħbija, u kull darba li l-attriċi kienet tipprova tkellmu, huwa kien jispiċċa jbiddel id-diskors u jgħidilha biex ma tindaħalx fil-ħajja ta' raġel. Għalhekk, l-attriċi kienet inċerta jekk il-konvenut kienx ser ikun missier konsistenti u *supportive*. Għalkemm il-konvenut kien jaċċertaha li ser jagħmel ħiltu biex ikun hemm għaliha u għal binthom, dan qatt ma kien minnu. Ma kienx jaċċetta li ħaddieħor jgħallmu, ma kellux paċenzja, imma fl-istess waqt kien jikkritika lill-attriċi kif tieħu ħsieb lill-minuri u kif ukoll meta din kienet titlaq lil bintha għal ftit ħin biex tiekol jew tinħasel. Din l-attitudni da parti l-konvenut dwar il-kura tal-minuri baqgħat preżenti matul ir-relazzjoni tagħhom. Ma kienx hemm qbil dwar kif titrabba t-tarbija, bil-konsegwenza li l-konvenut kien ikun aggressiv b'mod verbali mal-attriċi. Fil-fehma tal-konvenut, jekk it-tarbija kienet tibki, dan kien ifisser illi t-tarbija kienet nieqsa minn xi ħaġa, u jweħħel fl-attriċi li ma kienetx qiegħda tieħu ħsiebha sew. Għalhekk il-konvenut kien jgħajjar lill-attriċi li kienet *"omm ħażina, li jiena "lura", "wicked", "greedy" u "bitch", u dan kollu fil-prezenza tat-tarbija".*[11]

Magħdud mal-premess, jingħad illi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-aprtijiet meta twieldet il-minuri kienet iebsa, u l-attriċi ma kienetx f'pożizzjoni li taħdem. Min-naħa l-oħra, il-konvenut qatt ma pprovda għall-minuri. Ma kienx irid jaħdem,

[10] Fol. 74.
[11] Fol. 77.

dejjem iġib xi skuża, u per konsegwenza kien jitfa' r-responsabbilita' fuqha jew fuq familtha sabiex jipprovdu għall-minuri għaliex huma qegħdin f'pajjiżhom, u huwa barrani u għandu problemi ta' saħħa. L-attriċi tispjega li fir-rigward ta' saħħet il-konvenut, hija għamlet li stegħat sabiex tgħinu jieħu saħtu lura, iżda huwa qatt ma segwa l-għajnuna mogħtija lilu. Tant li llum temmen li l-problemi mediċi li kien jgħid li jħoss huma kollha fabbrikati sabiex jevita milli jaħdem. Minnflok jaħdem, huwa spiċċa jitfa' iktar piż finanzjarju inutli, hekk kif ġab lil ħabib tegħu jgħix taħt l-istess saqaf tagħhom. Fil-fehma tal-attriċi, hija soffriet minn abbuż psikoloġiku meta ppruvat trabbi lill-minuri, għaliex jekk ma tagħmilx dak li jgħid hu, kien jisfa' jikkritika, jgħajjarha jew jheddidha li jerfa' idejh.

Il-konvenut kien ta' spiss jgħaddi l-ġranet barra ma' sħabu u jirritorna lura filgħaxija. Minkejja l-opposizzjoni tal-attriċi dwar tali atteġjament, il-konvenut kien jirrispondi illi huwa raġel u għandu dritt ikollu l-ħajja tiegħu. Barra minn hekk wara t-twelid tal-minuri, il-konvenut kien jorqod ġo karma tas-sodda separata sabiex ma jkunx disturbat matul il-lejl. L-attriċi tispjega li f'żewġ okkażżjonijiet meta kienet għajjiena u staqsietu għall-għajnuna, il-konvenut kien aggressiv b'mod fiżiku, fejn darba minnhom pprova jivgaha fis-sodda, u darb' oħra ħatafha minn wiċċha u girifha. L-attriċi tagħmel referenza ukoll għal episodju ieħor fejn wara li staqsietu sabiex ikun iktar preżenti u jgħinha b'mod konsistenti, huwa beda jsawwatha għalkemm kienet bit-tarbija f'idejha. Jingħad li l-vjolenza domestika kompliet iżżid hekk kif il-konvenut beda jerfa' jdejh seba' darbiet f'anqas minn sena – hekk kif l-attriċi tagħti rendikont ta' episodji oħra ta' vjolenza. Wara diversi attakki, l-attriċi għamlet il-kuraġġ u marret tirrapporta lill-konvenut mal-Pulizija, iżda sfortunatament meta kellha tixhed il-Qorti sforz il-biża' minnu hija waqqat l-akkużi. Iżda jingħad illi waqt ir-relazzjoni, l-attriċi kienet għamlet kuntatt mad-*Domestic Violence Unit* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. Madanakollu ftit taż-żmien wara ndunat li l-imġieba tal-konvenut ma kienetx ser tieqaf, u bdiet tissusspetta ukoll li l-konvenut kellu *relapse* u beda jabbuża mid-droga. Fil-fatt f'Lulju 2016 l-attriċi marret flimkien mal-konvenut għal-laqgħa l-*Caritas*, għaliex ħasset obbligu li tgħinu. Madanakollu in vista li l-konvenut ma riedx jgħin lilu nnifsu u fl-interessi ta' bintha, għal ħabta ta' Awwissu tas-sena 2016, l-attriċi temmet ir-relazzjoni u telqet mill-appartament tal-Qawra, u flimkien ma' bintha marret tgħix għand ommha. Il-kuntatt mad-*Domestic Violence Unit* dam sas-sena 2017 stante li ħajjitha u dik ta' bintha kienet marret ferm għall-aħjar wara li temmet ir-relazzjoni minn mal-konvenut u ma baqgħatx tgħix taħt l-istess saqaf miegħu.

L-attriċi tispjega illi meta l-minuri kellha ftit xhur, hija għamlet l-almu tagħha sabiex tistabbilixxi lilha nnifisha u tipprovdi finanzjarjament għaliha u għal bintha. Fil-fatt tispjega li bdiet tagħti l-privat tal-lingwa Ingliża, taħdem bħala *proofreader*, kif ukoll tgħallem l-Ingliż lill-barranin. Sakemm riedet issib xogħol jew ħadmet, l-attriċi tgħid li hija ħalliet lill-minuri waħedha mal-konvenut darbtejn biss, fejn il-konvenut kien spiċċa ħa lill-minuri għand sieħbu għax skontu kellu bżonn l-għajnuna biex jieħu ħsiebha. Mill-bqija, l-attriċi bdiet tibgħat lill-minuri ġewwa *childcare centres*. Dak iż-żmien il-konvenut beda jagħmel affarijiet li kienu jfixklu r-rutina tal-minuri, bħal igerger li x'ħin jasal isibha rieqda, jew li tqum kmieni filgħodu, liema kwistjonijiet kienu jikkawżaw stress fid-dar tagħhom. L-attriċi kompliet tagħmel l-almu tagħha anke wara li temmet ir-relazzjoni mal-konvenut, u jingħad li l-minuri baqgħat tattendi l-istess *childcare centre*. Tikkontendi li l-konvenut qatt ma offra għajnuna finanzjarja, u kienet tiltaqa' mal-konvenut kuljum fil-pubbliku sabiex jara lil minuri u jilgħab magħha. Barra minn hekk tgħid li hi dejjem irsistiet sabiex tipprovdi ħajja stabbli u sikura għal bintha, fejn qiegħda taħdem bħala għalliema u xtrat fond sabiex fih jgħixu huma t-tnejn.

Għalhekk l-attriċi tgħid li kellha tipproċedi b'azzjoni legali u titlob li l-kwistjonijiet li jirrelataw mal-minuri jiġu regolati. Madanakollu jingħad illi mindu ġie ordnat l-aċċess taħt superviżjoni, il-konvenut mar tlett (3) darbiet jistaqsi għal minuri ic-*childcare* fejn tattendi, filwaqt illi naqas milli jħallas il-manteniment ordnat ħlief meta jkun jaf li jekk ma jħallasx jmur il-ħabs. L-attriċi tispiċċa tgħid: *"jidher li D għadu maħkum mill-problema tad-droga, u dan ammettieh huwa mas-supervisor tal-Appoġġ. Ma jidhirx li qed isegwi programm sabiex jegħleb dan il-vizzju. D jidher li għadu inkonsistenti fl-għemil u l-emozzjonijiet tiegħu. Minn mindu ntemmet ir-relazzjoni tagħna, ġieli rani u għajjarni, kif fil-fatt irrappurtajt fl-20 ta' Jannar 2017/ Ġieli mill-banda l-oħra ddeċieda li jrid ir-relazzjoni tagħna terġa' tibda bħal ma għamel fil-11 ta' Ġunju 2018 meta ġie u ħallieli kartolina u fjuri wara l-bieb sabiex naħfirlu. Min-naħa tiegħi, jiena qatt ma nkun naf kif ser jaġixxi miegħi u għalhekk nagħżel li noqgħod lura milli nagħmel ebda kuntatt verbali miegħu. Jiena nħoss li l-imġieba inkonsistenti tiegħu mhix xierqa għat-trobbija tal-minuri"*.[12]

[12] Fol. 92.

F'affidavit ulterjuri,[13] hi ikkonfermat illi matul is-snin il-konvenut kompla juri irresponsabbilita' totali fir-rigward ta' bintu fejn jidħlu finanzi. Minkejja li huwa weħel il-ħabs minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, liema perjodu għamlu bejn Lulju u Settembru 2019, wara li ħareġ huwa naqas milli jkompli jħallas mantentiment. L-attriċi tikkonferma li l-attitudni tal-konvenut għadha l-istess fejn għalkemm jgħid li qed jaħdem, huwa ma jurix stabbilita' jew għajnuna finanzjarja, tant li għadu bla residenza konkreta. Madanakollu tikkonferma li l-konvenut għad għandu aċċess regolari mal-minuri taħt supervżjoni darba fil-ġimgħa għal sagħtejn.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. *__L-affidavit ta' H I C, ossia omm l-attriċi, debitament maħluf nhar is-27 ta' Settembru 2018__*,[14] fejn tikkonferma dak kollu li hemm fl-affidavit ta' bintha u tagħti rendikont tal-inċidenti bejn il-partijiet, li tiftakar u taf bihom personalment;

2. *__L-affidavit ta' Da C, ossia oħt l-attriċi, debitament maħluf nhar l-1 ta' Ottubru 2018__*,[15] fejn tikkonferma li: (i) oħtha dejjem uriet dedikazzjoni lejn it-trobbija tal-minuri, (ii) oħtha għandha xogħol fuq bażi *full-time* u l-bqija tal-ħin tagħha tiddedikah sabiex trabbi lil bintha, (iii) waqt li oħtha kienet qiegħda trabbi lil minuri taħt l-istess saqaf mal-konvenut, hija kienet qed issofri minn abbuż fiżiku u psikoloġiku, tant li s-saħħa fiżika tagħha dditerjorat b'mos sostanzjali, (iv) il-konvenut kien dejjem dipendenti fuq oħtha, kemm għal kerha u kif ukoll biex jgħix għaliex ma kellux xogħol fiss, (v) għall-magħmudija tal-minuri, il-konvenut kien taħt l-effett tal-acohol, (vi) l-konvenut għandu tifla oħra minn relazzjoni preċedenti, li ma jieħux ħsieb u lanqas imantniha, (vii) oħtha ta' sikwit tieħu lill-minuri għall-aċċess superviżjonat, u (viii) oħtha għixet għand ommha għal sentejn sħaħ, fejn imxiet 'il quddiem, ħadet lura saħħitha, filwaqt li rabbiet lil bintha f'ambjent pożittiv;

3. *__L-affidavit ta' K C, ossia ħu l-attriċi, debitament maħluf nhar is-27 ta' Settembru 2018__*,[16] li jikkonferma l-istess kwistjonijiet bħal oħtu Da C, u jżid

[13] Fol. 260.
[14] Fol. 93.
[15] Fol. 99.
[16] Fol. 100.

illi huwa *"ta' spiss inħalli liż-żewġt itfal tiegħi, li għandhom sentejn u erba' snin, fil-kustodja tagħha, flimkien ma' bintha G, għaliex naf li ikunu f'idejn tajbin u jien inkun b'rasi mistrieħa"*;

4. *L-affidavit ta' L Busuttil, ossia l-partner ta' ħu l-attriċi K C, debitament maħluf nhar is-27 ta' Settembru 2018*,[17] li kkonfermat il-verżjoni tal-attriċi;

5. *L-affidavit ta' M N, ossia ħabiba tal-attriċi, debitament maħluf nhar is-27 ta' Settembru 2018*,[18] li tikkonferma li hi flimkien mal-attriċi kienu jgħixu flimkien mill-2013 sal-2015 billi kienu jikru fond ġewwa l-Qawra. Ix-xhud tikkonferma li fis-sajf tal-2014 daħal jgħix magħhom il-konvenut. Barra minn hekk tispjega li *"kien hemm inċident matul it-tqala ta' A li kien ħassibni. Kien bil-lejl meta mill-kamra tiegħi smajt għajta mingħand D joffendi lil A. Wara ftit smajt il-bieb ta' barra jingħalaq. Jiena kont bagħat messaġġ lil A u hi kienet wegbitni illi kienet ħarġet passiġġata. Ma nafx fi x'ħin kienet ġiet lura. L-għada filgħodu D kien talab skuża lili tal-għajjat tiegħu u kien qalli li kien talab skuża lil A ukoll"*. Magħdud ma' dan, ix-xhud tikkonferma li l-konvenut kien idum biss għal ftit minuti fl-appartament u jirritorna l-għada, ma kienx jinvolvi ruħu fit-trobbija tal-minuri, u meta kien ikun id-dar ħafna mid-drabi kien jistieden il-ħbieb biex iqattgħu lejl fuq is-sufan. Fir-rigward tat-tifla l-oħra li l-konvenut kellu minn relazzjoni preċedenti, ma kienx jieħu ħsiebha, iżda kien iġibha l-appartament u jħalliha mal-attriċi. Tikkonferma ukoll illi l-attriċi kellha daqqa/qasma f'moħħha li kien għamililha l-konvenut, hekk kif l-attriċi bdiet titkellem dwar l-abbuż fiżiku u psikoloġiku tal-konvenut meta telqet mill-appartament tal-Qawra;

6. *L-affidavit u x-xhieda ta' O P Q, ossia ex-sieħba tal-konvenut, debitament maħluf nhar l-14 ta' Awwissu 2017*,[19] li tikkonferma li kienet f'relazzjoni mal-konvenut mill-1998 sal-2004, minn liema relazzjoni kellhom lil R F nhar it-8 ta' April 2004. Ix-xhud tgħid illi hija għandha l-kura u kustodja esklussiva ta' bintha, stante li mhux raġel responsabbli u dan permezz ta' sentenza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mogħtija nhar is-26 ta' Marzu 2015, iżda l-konvenut għandu aċċess għal bintu mhux superviżjonat. Magħdud ma' dan, ix-xhud tikkonferma illi l-konvenut qatt ma pprovda

[17] Fol. 102.
[18] Fol. 104.
[19] Fol. 106, 194.

finanzjarjament għal bintha, u kellha tagħmel żmien tgħix ma' ommha minħabba inċident ta' vjolenza domestika. Ix-xhud tgħid illi hi u l-attriċi kellhom l-istess esperjenza dwar kif huma spiċċaw tqal bit-tfal tal-konvenut, u temmen illi dan kollu seħħ b'mod l-iktar egoistiku tal-konvenut sabiex ikollu raġuni valida sabiex ma jiġix imkeċċi minn Malta. Finalment jingħad illi bintha llum għandha tlettax-il (13) sena, *"and within these years, D never managed to finish his drug rehabilitation program. He will never keep a job because of his drug habit and he's not fit to have children in his care, without supervision. It is also important to note that D is very violent, even amongst children, appearing to also suffer from narcissim. He attacked me and threatened to kill me whilst R was in his arms on 26th February 2005 (Court hearing 6th June 2005) just because I would not tell authorities that we were still together, so that he can eventually obtain citizenship"*;

7. _*Rapporti lill-Pulizija magħmula mill-attriċi kontra l-konvenut:*_

a. *Rapport datat 2 ta' Jannar 2016,*[20] fejn rrappurtat illi minkejja l-ordni ta' protezzjoni kontra l-konvenut, hija rat il-karozza tal-konvenut bin-numru ta' reġistrazzjoni RIZ-062 fit-triq fejn tgħix. Madanakollu meta l-Pulizija vverifikat lil min issejjaħ il-vettura in kwistjoni, irriżulta illi tali karozza hija ta' ċertu S T D U;

b. *Rapport datat 7 ta' Frar 2016,*[21] fejn rrappurtat illi waqt li kienet mal-konvenut fil-vettura kellhom argument fejn f'ħin minnhom għolla jdejh u taha żewġ daqqiet ħfief ġo rasha. Fir-rapport stess, l-attriċi stqarret li din kienet is-sitt (6) darba li kienet vittma ta' vjolenza domestika f'perjodu ta' sena: (i) l-ewwel darba kien taha daqqa ta' ħarta, (ii) it-tieni darba kien taha xebgħa, (iii) it-tielet darba pprova jivgaha fis-sodda, (iv) ir-raba' darba taha xebgħa oħra, u (iv) l-ħames darba refagħha u sabbatha fuq is-sodda. L-attriċi rrifjutat tagħmel ċertifikat mediku għaliex ma kienx weġġagħha;

c. *Rapport datat 7 ta' Ġunju 2016,*[22] fejn l-attriċi daħlet l-Għassa tal-Pulizija bid-demm ma' widintha tax-xellug u talbet l-assisteza ġewwa id-dar tagħha stante li kien inqala' argument bejnha u s-sieħeb tagħha.

[20] Fol. 108.
[21] Fol. 110.
[22] Fol. 112.

Huma marru d-dar tal-attriċi, fejn sqarret illi matul il-lejl it-tarbija tagħha telalha' d-deni u bdiet tibki, u għal tali biki l-konvenut sar aggressiv magħha u ħatafha minn widnejha x-xellugija. Min-naħa l-konvenut stqarr li ma jiftakar xejn. L-attriċi kkonfermat illi l-konvenut verament ma jiftakar xejn, u li jiġri hekk kull darba li t-tarbija tibki għal ħin twil. Sqarret li huwa għandu bżonn l-għajnuna. Il-pulizija ssuġġerew illi l-konvenut imur ikellem tabib, iżda l-attriċi bdiet tallega illi l-pulizija ma riditx tgħin lis-sieħeb tagħha biex isolvi l-problema. Il-pulizija nfurmat lill-attriċi sabiex tmur għal kura u tippreżenta ċertifikat mediku lill-pulizija, għaliex kienu ser jinħarġu akkużi dwar vjolenza domestika, iżda meta semgħat hekk hija għalqet il-bieb ta' barra f'wiċċ il-pulizija;

d. *Rapport datat 30 ta' Lulju 2016,*[23] fejn il-pulizija ġiet infurmata li kien hemm argument familjari u li kienet meħtieġa l-assistenza familjari. Meta l-pulizija marret fuq il-post, l-attriċi nfurmathom li kellha argument mal-konvenut, fejn beda jaqbdilha idejha u jheddidha lihu seta' jagħmlilha li jrid anke' jsawwatha. Stqarret illi din ma kienetx l-ewwel darba, u ma kienetx qiegħda tħossha sigura f'darha stess u bdiet tinsisti li s-sieħeb tagħha kellu jitlaq;

e. *Rapport datat 25 ta' Settembru 2016,*[24] l-attriċi rrappurtat li kienet flimkien mal-ex sieħeb tagħha u binthom minħabba l-aċċess, hekk kif f'daqqa waħda l-konvenut beda jinsulta lill-attriċi u bdiet tgħixdlu biex joħroġ mill-vettura tagħha. Madanakollu l-konvenut sar aggressiv, girfilha wiċċha u pprova jaqbeż fuq is-*seat* tax-xufier, imma bil-għajnuna ta' xi nies li kienu għaddejjin, il-konvenut inħareġ mill-vettura tal-attriċi. Ġie provdut ukoll ċertifikat mediku maħruġ mill-Awtoritajiet tas-Saħħa;

f. *Rapport datat 17 ta' Ottubru 2016,*[25] fejn l-attriċi rrappurtat li kienet mhedda u qed tibża toħroġ barra mir-residenza tagħha ġewwa l-Mosta. Meta l-pulizija marret fuq il-post, l-attriċi sqarret magħhom illi kienet għamlet kuntatt mal-ex sieħeb tagħha sabiex issaqsih għaliex kien fetaħ il-posta tagħha u heddidha bil-kliem *"you are inviting me to come and stab you with a knife and I split your throat"*;

[23] Fol. 114.
[24] Fol. 122.
[25] Fol. 116.

g. *Rapport datat 27 ta' April 2017 fuq inċident li seħħ l-14 ta' Marzu 2017,*[26] fejn l-attriċi ppreżentat digriet maħruġ mill-Qorti datat 14 ta' Marzu 2017, u rrappurtat li l-ex sieħeb tagħha naqas milli jħallas manteniment għal Marzu 2017;

h. *Rapport datat 24 ta' Ġunju 2017 fuq inċident li seħħ fl-14 ta' April 2017,*[27] fejn ġie rrappurtat li l-konvenut naqas milli jħallas il-manteniment skont id-digriet ta-14 ta' Marzu 2017 għax-xhur ta' April u Mejju 2017;

i. *Rapport datat 19 ta' Jannar 2018 fuq inċident li seħħ l-1 ta' Ġunju 2017,*[28] fejn ġie rrappurtat li l-konvenut naqas milli jħallas il-manteniment skont id-digriet tal-14 ta' Marzu 2017 għall-perjodu bejn Ġunju u Diċembru 2017;

j. *Rapport datat 23 ta' Mejju 2018 fuq inċident li seħħ l-1 ta' Jannar 2018,*[29] fejn ġie rrappurtat li l-konvenut naqas milli jħallas il-manteniment skont id-digriet tal-14 ta' Marzu 2017 għall-perjodu bejn Jannar u April 2018;

8. *Akkużi u sentenza fil-konfront tal-konvenut li permezz tal-istess sentenza, nhar it-22 ta' Novembru 2016 inħarġet ordni ta' protezzjoni kontrih valida għal tlett (3) snin*;[30]

9. *Kopja tas-sentenza bir-rikors numru 275/2012 RGM, mogħtija minn din il-Qorti iżda diversament preseduta nhar is-26 ta' Marzu 2015*,[31] rigward il-kura u kustodja ta' R F, fejn wara li rat il-provi mresqa ġie deċiż illi tali għandha tkun vestita esklussivament f'idejn ommha O P Q,

10. *Kartolini mill-konvenut lill-attriċi,* fejn jiddikjara *"To my dearest MK, Just to say how very very very sorry. Please forgive me. xxxx I love you very much A. MT",*[32] *"To dearest A & G. From your loving daddy D now I'm*

[26] Fol. 124.
[27] Fol. 126.
[28] Fol. 128.
[29] Fol. 129.
[30] Fol. 9 – 11.
[31] Fol. 131.
[32] Fol. 135.

*working. By God's mercy and grace. Have a love day and stay strong and blessed"*;[33]

11. *Assessment Sheet tal-minuri G F maħruġa mic-Childcare Centre*:

    a. Dokument datat l-20 ta' Ġunju 2016,[34] fejn il-minuri ġiet deskritta bħala *"a happy child"*;

    b. Dokument datat il-5 ta' Diċembru 2016,[35] fejn ġie mniżżel illi l-minuri għandha aġir tajjeb, tgħin lill-oħrajn, enerġetika, *'outgoing'*, tipparteċipa fl-attivitajiet, b'karattru ferrieħi, indipendenti u intelliġenti;

    c. Dokument datat it-18 ta' Ġunju 2017,[36] fejn ġie mniżżel illi l-minuri għandha aġir tajjeb, ferħana u ntelliġenti;

    d. Dokument datat is-26 ta' Jannar 2018,[37] fejn ġie mniżżel illi l-minuri hija mimlija entużjażmu, u għandu attitudni pożittiva;

    e. Dokument datat is-17 ta' Ġunju 2018,[38]fejn ġie mniżżel illi l-minuri hija soċjevoli, u ntelliġenti;

12. *Rapport dwar l-aċċess rilaxxat mill-Ħaddiema Soċjali Charmaine Zerafa u Andreana Gellel li jaħdmu fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[39] fejn ġie konkluż u rrakkomandat illi: *"l-aċċess jibqa' kif inhu ta' sagħtejn darba fil-ġimgħa u ġewwa l-aġenzija. Il-professjonisti huma tal-umli fehma li l-ġenituri m'għandhomx jikkomunikaw bejniethom peress li jista' faċilment jinqala' argument fil-preżenza tal-minuri. Għaldaqstant, sabiex ma jinqalawx diffikultajiet l-omm għandha tibda tistenna fil-*waiting room *tal-Aġenzija Appoġġ u ma tidħolx fil-kmamar fejn isir l-aċċess"*;

[33] Fol. 136.
[34] Fol. 117.
[35] Fol. 118.
[36] Fol. 119.
[37] Fol. 120.
[38] Fol. 121.
[39] Fol. 67.

13. *Ix-xhieda ta' DoriH Fava in rappreżentanza tad-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ,*[40] li ppreżentat dokument dwar l-attriċi fejn ġie mniżżel illi l-attriċi għamlet kuntatt nhar is-6 ta' April 2016 fjn infurmathom bl-abbuż emozzjonali li kienet ssubbixxiet matul ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut, kif ukoll bl-abbuż fiżiku li beda meta kellha erba' xhur u nofs tqala. Ingħad illi l-*file* tal-attriċi ngħalaq fl-2018;

14. *Ix-xhieda ta' Charmaine Zerafa in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ,*[41] fejn tikkonferma li jsir aċċess taħt superviżjoni darba fil-ġimgħa għal sagħtejn. Jingħad illi *"it-tifla tigi mal-omm u tkun mentalment preparata għal ħin mal-missier u hemm relazzjoni tajba bejn il-bint u l-missier. L-aċċess hu pożittiv u l-minuri tkun looking forward li tara lil missierha. L-aċċess isir frekwentament għalkemm il-missier ġieli jkun tard u ma ssirx il-vista. Il-missier juri interess u jġib toys, ikel u frott miegħu"*;

15. *Ix-xhieda ta' V W, accountant, ossia ħabib tal-konvenut,*[42] fejn jikkonferma li ilu jaf lill-konvenut għal erbatax-il (14) sena u pprova jgħinu meta kellu l-problema tad-droga għaliex anke ix-xhud kellu l-istess problema iżda kien ħareġ minnha. Madanakollu jgħid li dawn l-aħħar sentejn żamm naqa distanza minħabba l-problemi tal-partijiet. Jikkonferma li l-konvenut kien għamel madwar erba' (4) snin *clean* meta kien f'relazzjoni mal-attriċi, pero' jgħid ukoll li kellu *relapse* u bdew il-kumplikazzjonijiet bejn il-partijiet. Ix-xhud jispjega li l-konvenut kellu problemi kbar f'ħajtu, anke' għaliex meta kien għadu tifel kien serva ta' suldat f'pajjiżu u kien baqa' trawmattizat;

16. *Ix-xhieda ta' Dr Fleur Bianco, bħala psychotherapist li kienet tara lill-attriċi,*[43] fejn tikkonferma li l-attriċi kienet għamlet kuntatt magħha fil-bidu tas-sena 2016, ratha darba u l-kuntatt inqata'. Madanakollu l-kuntatt reġa' seħħ f'Ġunju 2016 u minħabba raġunijiet finanzjarji l-attriċi bdiet tagħmel sessjoni magħha b'mod regulari fit-12 ta' Settembru 2016. L-attriċi kienet imbeżża' mis-sitwazzjoni li kellha mal-konvenut tant li marret tgħix ma' ommha. Ix-xhud tikkonferma illi hija taf ukoll lill-konvenut f'kuntest differenti fis-sens li kienet taħdem il-*Caritas* u lura fl-2008 kienet il-*key worker* tal-konvenut biex twasslu għall-programm ta' riabilitazzjoni ta'

[40] Fol. 147, 151.
[41] Fol. 147.
[42] Fol. 148.
[43] Fol. 175.

droga, fejn tikkonferma li kien fil-programm ta' San Blas iżda ma tafx l-eżitu tiegħu. Ix-xhud tgħid li l-konvenut kellu problema ta' *addiction* u kull problema li ġġib tali *addiction*, ċjoe' nuqqas ta' xogħol u saqaf fejn jgħix. Fil-fehma tax-xhud *"she (A) is very attentive to her daughter and pro active. Ma tħalliha ma' ħadd tant li s-siegħa ta' terapija miegħ kienet l-unika "me time" li kellha A. Ħajjitha kienet iddur max-xogħol u mat-tifla. She was committed to get better and she did"*;

17. *Ix-xhieda ta' A Caruana in rappreżentanza tal-Caritas*,[44] li tikkonferma li l-konvenut l-aħħar li għamel kuntatt kien f'Jannar 2019, u wara ġieli mar għal xi karti rigward servizzi soċjali jew *housing*. Tiddikjara ukoll illi l-konvenut kien għamel tentattiv wieħed biex jindirizza tali problema, fejn kien għamel xi xhur fil-programm San Blas, programm residenzjali. Ix-xhud tikkonferma ukoll li jidher li l-konvenut għad għandu l-problema tad-droga. Ix-xhud ippreżentat dokument datat 14 ta' Settembru 2020 miktub minn Stephanie Grech fl-kapaċita' tagħha ta' *Head of Outreach of Community Services* li jikkonferma dak li ntqal mix-xhud;[45]

18. *Ix-xhud ta' Oswald Balzan in rappreżentanza tal-iSptar Monte Carmeli*,[46] fejn ippreżenta l-*file* mediku tal-konvenut,[47] u l-aħħar data li l-konvenut għamel kuntatt kien fis-sena 2019. Jirriżulta illi l-konvenut ibati minn problemi ta' saħħa mentali fejn saħansitra pprova jwettaq suwiċidju;

19. *Kopja tas-sentenza fl-ismijiet Pulzija vs D E F mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali) nhar il-21 ta' Ġunju 2021*,[48] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn Mejju u Ottubru 2018, fejn instab ħati u weħel xaharejn ħabs effettivi;

20. *Dikjarazzjoni minn Fr Hilary Tagliaferro, debitament maħlufa nhar il-11 ta' Ġunju 2019*,[49] li jikkonferma li ilu jaf lill-konvenut għal madwar għaxar (10) snin fejn għinu f'diversi modi, anke finanzjarjament. Jingħad illi matul is-sena 2018, il-konvenut ma kienx qed iġib ruħu sew, tant li ma ħallihx iktar jidħol fil-*Millenium Chapel*;

[44] Fol. 200.
[45] Fol. 204.
[46] Fol. 231.
[47] Fol. 233.
[48] Fol. 255.
[49] Fol. 259.

21. *Kopja ta' rappurtaġġ mis-sit eletronniku iNews Malta, bit-titolu "Jinżamm arrestat fuq serq ta' mobiles b'valur aktar minn €2,300"*,[50] fejn jidher li seħħ każ nhar is-7 ta' Lulju 2019 fejn l-konvenut ġie mixli bis-serq ta' *mobiles*;

22. *Payslips tal-attriċi minn impjiegi tagħha*:

    a. Fuq bażi ta' *reduced hours* ma' Lino Spiteri Foundation: (i) għal Novembru 2016 b'introjtu net ta' €844.23,[51] u (ii) għal Diċembru 2016 b'introjtu net ta' €880.29;[52]

    b. Bħala *supply teacher* mal-iStat: (i) għal perjodu bejn is-26 ta' Frar sal-25 ta' Marzu 2018 b'introjtu net ta' €1,372.65,[53] (ii) għal perjodu bejn is-26 ta' Marzu sat-22 ta' April 2018 b'introjtu net ta' €1,256.36,[54] (iii) għal perjodu bejn it-23 ta' April sal-20 ta' Mejju 2018 b'introjtu net ta' €1,248.24;[55]

23. *FS3 tal-attriċi*: (i) għas-sena li tagħlaq 2016 bi dħul gross ta' €740.39;[56] (ii) għas-sena li tagħlaq 2017 bi dħul gross ta' €5,296 minn xogħol ma' *St Catherine's High School*;[57] (iii) għas-sena li tagħlaq 2017 bi dħul gross ta' €8,068 minn xogħol ma' *The Lino Spiteri Foundation*;[58]

*Verżjoni tal-Konvenut Assenti u l-Provi Mresqa Minnu:*

Wara li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta ġuramentata. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li l-verżjoni u s-sottomissjonijiet tal-konvenut ma ġewx sottomessi lill-Qorti.

**3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:**

[50] Fol. 272.
[51] Fol. 22.
[52] Fol. 23.
[53] Fol. 56.
[54] Fol. 57.
[55] Fol. 58.
[56] Fol. 24.
[57] Fol. 59.
[58] Fol. 60.

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. T Portelli**[59] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[60] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **T Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[61] u **A Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[62] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut...".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-

[59] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[60] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[61] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[62] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[63] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[64] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*setgħa tal-ġenitur*</u>, il-Qorti tibda billi tiċċita Artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieġ:

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa indikattiv li l-Qorti f'każijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawża. Magħdud ma' dan, jingħad illi l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat *'Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri'.* Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

[63] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[64] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, iżda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiż-żwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux miżżewġin *o meno.*

Fir-rigward ta' *__manteniment__*, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-<u>setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra</u>, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs**

**Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta’ Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F’din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*“Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x’inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f’isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta’ binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. V Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim’Awla fit-28 ta’ Frar 2003 fejn ġie osservat li ‘Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.’*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta’ terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta’ Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

**4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:**

Din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti filwaqt li tiżvesti lill-konvenut mis-setgħa tal-ġenitur, tgħaddi sabiex takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri G F, bint il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-aċċess u l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bzonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldet binthom. Jirriżulta wkoll illi l-partijiet kienu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf, iżda matul tali żmien l-attriċi sfat vittma ta' abbuż psikoloġiku u fiżiku, fejn kellha tkun hi waħedha li tieħu ħsieb lill-familja mingħajr ebda għajnuna da parti l-konvenut. Fil-fatt dan jinsab ikkorraborat permezz ta' diversi xhieda mressqa mill-attriċi. Magħdud ma' dan, mill-atti jirriżulta ukoll illi l-konvenut kellu ukoll il-problema tal-vizzju tad-droga, u għalkemm kien *clean* għal perjodu ta' żmien, jirriżulta li huwa kellu

*relapse*. Għal tali motivi, l-attriċi għażlet li ttemm ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut u kif ukoll li titlaq mir-residenza li fiha kienu jgħixu l-partijiet, u dan f'ġieħ l-interessi ta' bintha u tagħha stess. Meta telqet mir-residenza tagħhom, l-attriċi flimkien ma' bintha marru jgħixu għand ommha. F'tali żmien, il-konvenut xorta waħda naqas milli jieħu ħsieb lil bintu u jipprovdi għaliha finanzjarjament. Mill-atti jirriżulta ukoll li l-konvenut għandu ukoll bint oħra minn relazzjoni preċedenti, liema bint tinsab fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommha u li għaliha l-konvenut ma jipprovdix manteniment. Għalhekk jirriżulta ampjament ċar illi l-konvenut għandu t-tendenza li ma jerfax ir-resposnabbilita' tiegħu ta' missier, hekk kif la jmantni, la jeduka, la jindokra u lanqas jieħu ħsieb lill-uliedu. Madanakollu, tal-inqas il-Qorti tara li bis-sewwa jew bid-dnewwa, il-konvenut jattendi regolarment għall-aċċess ma' bintu taħt superviżjoni fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ.

Għalhekk għal Qorti ma hemm l-ebda dubju illi kienet l-attriċi li dejjem assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Jirriżulta ċar ukoll li l-istess attriċi għandha l-interessi tal-minuri għal qalbha, tant li minkejja l-abbuż li għaddiet minnu, hija xorta waħda qatt ma ċaħdet lill-minuri li tqatta' ħin ma' missierha anke meta kien għad ma hemmx *in vigore* digriet tal-Qorti dwar l-aċċess. Madanakollu, huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi n-nuqqas ta' responabbilita' da parti l-konvenut fil-konfront ta' bintu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittiehdu.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri G F għandha tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bażika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[65] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs DoriH Polidano**,[66] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li*

[65] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[66] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.

*taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri".* Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**.[67]

Magħdud mal-premess u fir-rigward tas-setgħa tal-ġenitur, il-Qorti tfakkar illi l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja ta' minuri dan ma għandux ifisser ta' bilfors illi tali ġenitur ikun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. F'dan il-kuntest il-Qorti tara idoneju li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **S Micallef pro et noe vs. Ramona Caruana**,[68] fejn ġie ċċarrat dan il-prinċipju: *"(...) s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, izda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb".*

Fl-każ odjern u ġialadarba n-nuqqas ta' responsabbilita' da parti l-konvenut li jieħu ħsieb, jmantni, jeduka u jindokkra lill-minuri huwa kristallizzat, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li ommha jkollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma ta' missierha, bħal per eżempju l-iskrizzjoni tal-minuri fi skejjel, xi vjaġġ skolastiku edukattiv, jew xi deċiżjonijiet fl-ambitu mediku, u dan tenut kont tal-instabbilita' u nuqqas ta' konsistenza f'ħajjet il-konvenut. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakolta' li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

[67] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).
[68] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL).

Nonostante s-suespost, il-Qorti tara li fi kwalunkwe każ u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili xorta waħda tara li jkun fl-interess suprem tal-minuri li tqatta' ftit ħin ma' missierha bl-intiża li tibni relazzjoni miegħu. Il-Qorti il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[69]

Fit-tieni lok, il-Qorti tirribadixxi illi għalkemm il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[70] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess ġiet regolata permezz ta' digriet tat-22 ta' April 2017,[71] fejn il-Qorti ordnat illi l-missier għandu jara lill-minuri darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ fil-ġurnata u ħinijiet li tagħżel l-Aġenzija – liema digriet ġie kkonfermat permezz tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2018 u dan skont

[69] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[70] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.
[71] Fol. 18.

kif talbet l-attriċi stess.[72] Għalhekk ma jirriżultax illi l-modalita' tal-aċċess għandha tiġi mibdula stante li l-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-minuri daħlet f'tali rutina. Barra minn hekk, min-nota ppreżentata mill-Aġenzija Appoġġ stess jirriżulta li tali aċċess qiegħed jiġi osservat u ma hemm l-ebda tfixkil jew problemi għal dak li jirrigwarda l-konvenut u l-minuri. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi ikun idoneju illi dan l-aċċess jibqa' *in vigore* fis-sens illi l-konvenut għandu jibqa' jara lill-minuri darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ fil-ġranet u l-ħinijiet magħżula mill-Aġenzija stess.

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura, il-kustodja u s-setgħa tal-ġenitur tal-minuri ser ikunu vestiti esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza tgħix magħha, l-intimat għandu jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri bintu. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[73] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[74] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina***,[75] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[76]*".".*

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-attriċi ppreżentat żewġ prospetti, u ċjoe':

---

[72] Fol. 63.
[73] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[74] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[75] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[76] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

a. Wieħed ippreżentat fis-sena 2017, fejn l-attriċi ddikjarat illi bħala bażi minima għandha s-segwenti spejjeż fix-xahar għall-minuri:

| | |
|---|---|
| Xirja li tinkludi *nappies*, *formula* tal-ħalib, ikel, eċċ | €250 |
| Ħwejjeġ | €60 |
| Mediċini | €50 |
| Dawl, ilma, affarijiet għal ħasil, *creams*, eċċ | €80 |
| *Childcare* | €30 |
| | |
| **Total:** | **€470** |

b. Wieħed ippreżentat fis-sena 2018, fejn l-attriċi ddikjarat illi hija għandha s-segwenti spejjeż fix-xahar rigward il-minuri:

| | |
|---|---|
| Prodotti tat-tfal u ikel | €300 |
| Ħwejjeġ | €60 |
| Mediċini | €50 |
| Dawl u ilma | €60 |
| Spejjeż edukattivi | €30 |
| | |
| **Total:** | **€500** |

Barra minn hekk, mill-atti jidher illi l-attriċi hija għalliema u għandha paga ta' madwar €1,300 fix-xahar. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-konvenut jingħad illi huwa jaħdem bħala *self-employed* u joffri servizzi ta' tibjid, tikħil u xogħol ta' maintenance.[77] Madanakollu prova ta' dan ma tresqitx, wisq anqas prova tad-dħul tiegħu. Fid-dawl tas-suepost, jirriżulta li *pendente lite,* l-aħħar ordni tal-Qorti tal-14 ta' Lulju 2018 kienet li l-konvenut iħallas is-somma ta' €300 fix-xahar li jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.[78]

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mresqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk

[77] Fol. 21, 42.
[78] Fol. 63.

il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal G F sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli minnha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel u l-ħames talba u tordna li l-awtorita' tal-ġenitur fir-rigward tal-minuri G F għandha tkun vestita unikament fl-attriċi, b'dana illi l-attriċi jkollha l-fakolta' li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji inkluż għall-applikazzjoni tal-ħruġ tal-passaport tal-minuri;

2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri G F tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

3. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn

kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal G F sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli minnha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

4. Tilqa' is-sitt talba u tordna li l-konvenut għandu jibqa' jara lill-minuri darba fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ fil-ġranet u l-ħinijiet magħżula mill-Aġenzija stess.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur